# Studji Soċjali - Primarja - LIVELL 5 - It-Tielet Sena Learning Outcomes Framework (2018-2019)

<table>
<tr><th>Materjal Obbligatorju:</th><th colspan="6">KONTENUT – LIVELL 5 - it-Tielet Sena Primarja</th></tr>
<tr><td>Dawn il-blokki għandhom isiru minn kulħadd bejn il-bidu u l-aħħar tas-sena.</td><td colspan="2">BLOKK Ċ3.1 (ĊIVIKA)<br>(Il-Ħbieb Tagħna)<br>Ċ3.1.1, Ċ3.1.2, Ċ3.1.3<br>Ċ3.1.4.<br>Estensjoni: Ċ3.1.5*</td><td colspan="2">BLOKK Ġ3.1 (ĠEOGRAFIJA)<br>(Inżuru l-Kampanja)<br>Ġ3.1.1, Ġ3.1.2, Ġ3.1.3,<br>Ġ3.1.4,<br>Estensjoni: Ġ3.1.5*</td><td colspan="2">BLOKK S3.1 (STORJA)<br>(Nivvjaġġaw Madwar il-Gżejjer Maltin)<br>S3.1.1, S3.1.2, S3.1.3, S3.1.4,<br>Estensjoni: S3.1.5*</td></tr>
<tr><th>Materjal Selettiv:</th><th colspan="6">ĊIVIKA:</th></tr>
<tr><td>Agħżel blokk wieħed minn:<br>Ċ3.2 JEW Ċ3.3</td><td colspan="3">BLOKK Ċ3.2 (L-Iskola Tagħna) li jinkludi<br>Ċ3.2.1, Ċ3.2.2, Ċ3.2.3, Ċ3.2.4,<br>Estensjoni: Ċ3.2.5*</td><td colspan="3">BLOKK Ċ3.3 (Il-Bżonnijiet Tagħna) li jinkludi:<br>Ċ3.3.1, Ċ3.3.2, Ċ3.3.3, Ċ3.3.4<br>Estensjoni: Ċ3.3.5*</td></tr>
<tr><th>Materjal Selettiv:</th><th colspan="6">ĠEOGRAFIJA:</th></tr>
<tr><td>Agħżel blokk wieħed minn:<br>Ġ3.2 JEW Ġ3.3</td><td colspan="3">BLOKK Ġ3.2 (Naħdmu u Nilgħabu fis-Sigurtà) li jinkludi: Ġ3.2.1, Ġ3.2.2,<br>Ġ3.2.3, Ġ3.2.4,<br>Estensjoni: Ġ3.2.5*</td><td colspan="3">BLOKK Ġ3.3 (Inħarsu l-Ambjent ta' Madwarna)<br>li jinkludi: Ġ3.3.1, Ġ3.3.2, Ġ3.3.3, Ġ3.3.4,<br>Estensjoni: Ġ3.3.5*</td></tr>
<tr><th>Materjal Selettiv:</th><th colspan="6">STORJA:</th></tr>
<tr><td>Agħżel blokk wieħed minn:<br>S3.2 JEW S3.3</td><td colspan="3">BLOKK S3.2 (Il-Ħwejjeġ) li jinkludi:<br>S3.2.1, S3.2.2, S3.2.3, S3.2.4,<br>Estensjoni: S3.2.5*</td><td colspan="3">BLOKK S3.3 (Il-Ħwienet – Dari u Llum) li jinkludi: S3.3.1, S3.3.2, S3.3.3, S3.3.4,<br>Estensjoni: S3.3.5*</td></tr>
</table>

***NOTA: L-estensjoni mhix obbligatorja.**

| **TAĦRIĠ PRATTIKU - LIVELL 5 - It-Tielet Sena Primarja** | |
|---|---|
| **TAĦRIĠ PRATTIKU A: Isir bejn Ottubru u Jannar tas-sena skolastika.** | |
| FIELDWORK A<br>***Dan il-fieldwork huwa obbligatorju*** | ***FIELDWORK MADWAR L-ISKOLA TAGĦNA***<br>L-istudenti jagħmlu *fieldwork* madwar l-iskola u jirrekordjaw l-osservazzjonijiet tagħhom fil-ktejjeb tal-*fieldwork*. |
| **TAĦRIĠ PRATTIKU B: Isir bejn Jannar u Mejju tas-sena skolastika.** | |
| Għażel bejn FIELDWORK B jew PROGETT | **FIELDWORK JEW PROGETT.**<br>L-għalliema u l-istudenti jagħżlu li jaħdmu fuq eżerċizzju wieħed minn dawn:<br>▪ (jew) *fieldwork* ***INŻURU L-KAMPANJA – MAWRA SA RISERVA NATURALI***<br>▪ (għażla ta' sit wieħed minn: Is-Simar, L-Għadira, jew Wied il-Lunzjata -Għawdex). (jew) proġett wieħed magħżul minn lista – għal-lista tal-proġetti idħol fil-websajt: http://primarysocialstudies.skola.edu.mt/ |

**RIŻORSI** :

L-iżvilupp tas-Sillabu, *handouts* kemm bil-Malti u kemm bl-Ingliż, *fieldwork directives, RLOs* u riżorsi oħrajn jinstabu;

- Fuq il-websajt: http://primarysocialstudies.skola.edu.mt/
- Fuq il-Fronter SOCIAL STUDIES PRIMARY
- Fuq il-paġna ta' Facebook: Studji Soċjali Primarja

N.B. **RLO**s huma sensiela ta' **logħob interattiv** dwar l-Istudji Soċjali. Idħol fil-Fronter, fil-paġna *TODAY* fittex RLOs. Idħol fis-sena li għandek bżonn u fittex il-logħba (RLO) skont it-titlu li jkollok bżonn.

| STUDJI SOCJALI | KONTENUT OBBLIGATORJU | LIVELL 5 - it-Tielet Sena |
|---|---|---|

## Materjal Obbligatorju:

Dawn it-tlett blokki li ġejjin **Ċ3.1, Ġ3.1 u S3.1** għandhom isiru minn **kulħadd** bejn il-bidu u l-aħħar tas-sena. L-estensjoni f'kull blokk **mhux** obbligatorja.

| **BLOKK Ċ3.1** | **ĊIVIKA:** ***Il-Ħbieb Tagħna*** | **LEARNING OUTCOMES / Kisbiet mit-Tagħlim tas-Suġġett:** ***(Għandi ħafna ħbieb!)*** |
|---|---|---|
| OBBLIGATORJU | Ċ3.1.1 | Kapaċi nesplora l-karatteristiċi ta' persuni differenti li nista' nsejjaħ 'ħbieb' jew il-'ħbieb speċjali'. |
| | Ċ3.1.2 | Kapaċi nesplora r-rwol li jilgħab il-ġeneru meta niġi biex nagħżel l-ħbieb tiegħi. |
| | Ċ3.1.3 | Kapaċi nidentifika l-attivitajiet li l-istudenti jħobbu jagħmlu flimkien /fi grupp bħala ħbieb. |
| | Ċ3.1.4* | Kapaċi nagħraf u niddeskrivi verbalment il-benefiċċji ta' meta naħdem/naħdmu fi gruppi. |
| | Estensjoni: Ċ3.1.5 | *Kapaċi napprezza li l-annimali wkoll jistgħu jissejħu l-ħbieb tagħna l-bnedmin.* |

| **BLOKK Ġ3.1** | **ĠEOGRAFIJA:** ***Inżuru l-kampanja*** | **LEARNING OUTCOMES / Kisbiet mit-Tagħlim tas-Suġġett:** ***(Għal-arja friska....)*** |
|---|---|---|
| OBBLIGATORJU | Ġ3.1.1 | Kapaċi nidentifika x'inhu ambjent naturali jew mhux naturali u nirriċerka riżorsi sempliċi dwar il-kampanja Maltija. |
| | Ġ3.1.2* | Kapaċi nidentifika xi wħud mil-karatteristiċi ewlenin tal-kampanja Maltija. |
| | Ġ3.1.3 | Kapaċi nagħraf u nsemmi xi eżempji tal-flora u l-fawna tal-kampanja Maltija. |
| | Ġ3.1.4 | Kapaċi nifhem u napprezza l-importanza tal-ilma biex il-kampanja tibqa' ħajja. |
| | Estensjoni: Ġ3.1.5 | *Kapaċi noħolq kodiċi sempliċi ta' mġieba għal meta nżuru l-kampanja Maltija.* |

- Main Learning Outcome / Kisba Ewlenija mit-Tagħlim.

| **BLOKK S3.1** | **STORJA** ***Nivvjaġġaw Madwar il-Gżejjer*** | ***(Ċeklem, ċeklem karozzin...)*** **LEARNING OUTCOMES / Kisbiet mit-Tagħlim tas-Suġġett:** |
|---|---|---|
| OBBLIGATORJU | S3.1.1 | Kapaċi nidentifika diversi mezzi ta' trasport użati llum, kemm Malta kif ukoll barra minn xtutna. |
| | S3.1.2 | Kapaċi nikteb dwar 'Ir-rota' fil-ħajja ta' student/a tat-Tielet Sena. |
| | S3.1.3 | Kapaċi nfittex u nsib ritratti / stampi ta' mezzi ta' trasport varji użati f'Malta fil-passat. |
| | S3.1.4* | Kapaċi nsemmi eżempji ta' bidla u kontinwità fit-trasport fuq il-baħar użat mill-Maltin fil-passat u fil-preżent. |
| | Estensjoni: S3.1.5 | *Kapaċi  nesprimi ruħi dwar il-meżżi ta' trasport u l-ambjent nadif.* |

- Main Learning Outcome / Kisba Ewlenija mit-Tagħlim.

| **KONTENUT SELETTIV – LIVELL 5 - it-Tielet Sena** |
| --- |
| **Materjal Selettiv:**<br>Agħżel blokk **wieħed** minn blokki: Ċ3.2 *(L-Iskola Tagħna)* jew Ċ3.3 (*Il-Bżonnijiet Tagħna*).<br>Agħżel blokk **wieħed** minn blokki: Ġ3.2 (*Naħdmu u Nilgħabu fis-Sigurtà*) jew Ġ3.3 (*Inħarsu l-Ambjent ta' Madwarna*).<br>Agħżel Blokk **wieħed** minn blokki: S3.2 (*Il-Ħwejjeġ*) jew S3.3 (*Il-Ħwienet – Dari u Llum*).<br>Dawn biex jinħadmu matul is-sena (l-estensjoni mhix obbligatorja) |

| **BLOKK Ċ 3.2.** | **ĊIVIKA**<br>***L-Iskola Tagħna*** | ***(Kemm inħobb immur l-iskola!)***<br>**LEARNING OUTCOMES / Kisbiet mit-Tagħlim tas-Suġġett:** |
| --- | --- | --- |
| | Ċ3.2.1 | Kapaċi nesplora kif titmexxa l-iskola u r-rwoli differenti li għandhom il-mexxejja li nsibu fl-iskola. |
| | Ċ3.2.2 | Kapaċi nidentifika l-affarijiet li l-istudenti jħobbu fl-iskola u nagħmel suġġerimenti kif nistgħu ntejbu dawk l-affarijiet li ma jħobbux. |
| | Ċ3.2.3 | Kapaċi nidentifika fl-iskola dak li jista' jissejjaħ 'ġust' *(fair)* u dak huwa 'inġust' *(unfair);* u nissuġġerixxu xi rimedji. |
| | Ċ3.2.4* | Kapaċi nsemmi l-vantaġġi u l-iżvantaġġi li fl-iskola u fil-pajjiz ikun hemm regoli u liġijiet, u nispjega x'jiġrilu min jikser dawn ir-regoli / liġijiet. |
| SELETTIV | Estensjoni: Ċ3.2.5 | *Kapaċi nqabbel il-komunità tal-iskola tiegħi mal-komunità l-kbira tal-post fejn ngħix, u nagħraf l-iskola bħala eżempju ta' struttura ta' poter fil-komunità lokali tiegħi.* |

- Main Learning Outcome / Kisba Ewlenija mit-Tagħlim.

| BLOKK<br>**Ċ3.3** | **ĊIVIKA**<br>***Il-Bżonnijiet Tagħna*** | ***(X'għandek bżonn?)***<br>**LEARNING OUTCOMES / Kisbiet mit-Tagħlim tas-Suġġett:** |
|---|---|---|
| SELETTIV | Ċ3.3.1* | Kapaċi nidentifika x-xewqat u l-bżonnijiet bażiċi li għandna aħna bħala studenti. |
| | Ċ3.3.2 | Kapaċi nesplora kif l-istudenti normalment jakkwistaw il-bżonnijiet bażiċi tagħhom. |
| | Ċ3.3.3 | Kapaċi nesplora kif l-istudenti jistgħu jimmaniġġjaw ix-xewqat tagħhom. |
| | Ċ3.3.4 | Kapaċi ninvestiga r-relazzjoni bejn xewqat, bżonnijiet u l-ambjent li ngħixu fih. |
| | Estensjoni: Ċ3.3.5 | *Kapaċi nidentifika każi meta persuni ma jkunux f'pożizzjoni li jissodisfaw il-bżonnijiet bażiċi tagħhom.* |

| **BLOKK**<br>**Ġ3.2** | **ĠEOGRAFIJA**<br>***Naħdmu u Nilgħabu fis-Sigurtà*** | ***(Attent għax tweġġa!)***<br>**LEARNING OUTCOMES / Kisbiet mit-Tagħlim tas-Suġġett:** |
|---|---|---|
| SELETTIV | Ġ3.2.1 | Kapaċi ninvestiga inċidenti, kemm żgħar kif ukoll kbar, permezz ta' intervisti u permezz ta' rapporti fil-gazzetti. |
| | Ġ3.2.2* | Kapaċi nidentifika raġunijiet varji għaliex iseħħu l-inċidenti fid-djar. |
| | Ġ3.2.3 | Kapaċi nidentifika nuqqasijiet fis-sigurtà kemm fl-iskola kif ukoll fil-lokalitajiet fejn ngħixu. |
| | Ġ3.2.4 | Kapaċi nagħmel proposti kif is-sigurtà fl-iskola u fil-lokalità fejn ngħixu tista' titjieb. |
| | *Estensjoni: Ġ3.2.5* | *Kapaċi nidentifika xi azzjonijiet tagħna li jistgħu jwasslu għal inċidenti serji.* |

| BLOKK<br>**Ġ3.3** | **ĠEOGRAFIJA**<br>***Inħarsu l-Ambjent ta' Madwarna*** | **LEARNING OUTCOMES / Kisbiet mit-Tagħlim tas-Suġġett:** |
|---|---|---|
| SELETTIV | Ġ3.3.1 | Kapaċi nosserva il-lokalità tiegħi u nikklassifika dak li nara fiha bħala (a) sabiħ / tajjeb u (b) ikrah /ħażin. |
| | Ġ3.3.2 * | Kapaċi nissuġġerixxi modi kif nistgħu nħarsu dak li hu sabiħ / tajjeb, u ntejbu dak li hu ikrah / ħażin fil-lokalita' tiegħi. |
| | Ġ3.3.3 | Kapaċi nifhem għaliex l-ilma huwa prezzjuż u rridu nibżgħu għalih. |
| | Ġ3.3.4 | Kapaċi nispjega għaliex id-dawl elettriku jeħtieġ ma naħluhx u kif għandna nużawh sewwa. |
| | *Estensjoni: Ġ3.3.5* | *Kapaċi nesprimi ruħi verbalment dwar l-importanza li jkollna arja tajba; referenza għall-ispazju pubbliku sabiħ u ħieles mill-periklu.* |

| **BLOKK**<br>**S3.2** | **STORJA**<br>***Il-Ħwejjeġ*** | ***(Min bil-jeans u min bl-għonnella!)***<br>**LEARNING OUTCOMES / Kisbiet mit-Tagħlim tas-Suġġett:** |
|---|---|---|
| SELETTIV | S3.2.1 | Kapaċi nirriċerka tipi differenti ta' ilbies antik u modern. |
| | S3.2.2* | Kapaċi niskopri u niddeskrivi l-lbies li kienu jilbsu l-Maltin fil-passat. |
| | S3.2.3 | Kapaċi nirriċerka lbies antik tipiku taċ-ċiviltajiet antiki. |
| | S3.2.4 | Kapaċi inqabbel uniformijiet tas-suldati fl-antik ma' uniformijiet tas-suldati tal-lum. |
| | *Estensjoni: S3.2.5* | *Kapaċi nifhem kif bosta fatturi jinfluwenzaw l-ilbies li nilbsu u l-bidla u kontinwità fl-ilbies.* |

| **BLOKK S3.3** | **STORJA** ***Il-Ħwienet – Dari u Llum*** | **LEARNING OUTCOMES / Kisbiet mit-Tagħlim tas-Suġġett:** ***(Imxi nagħmlu x-xirja)*** |
|---|---|---|
| SELETTIV | S3.3.1 | Kapaċi niddeskrivi l-ħwienet tal-llum mill-esperjenza tiegħi. |
| | S3.3.2 | Kapaċi nirriċerka informazzjoni dwar il-ħanut tax-xorb antik. |
| | S3.3.3* | Kapaċi niddiskuti biex inqabbel u nikkuntrasta l-ħwienet ta' dari mal-ħwienet tal-lum. |
| | S3.3.4 | Kapaċi nqabbel u nikkuntrasta *l-attivitajiet* li jsiru fil-ħwienet antiki mal-attivitajiet li jsiru fil-ħwienet moderni tal-lum. |
| | *Estensjoni: S3.3.5* | *Kapaċi nifhem u niddiskuti għaliex dawn it-tipi ta' ħwienet tbiddlu matul iż-żmien.* |

- Main Learning Outcome / Kisba Ewlenija mit-Tagħlim.

| IT-TIELET SENA | LEVEL 5 - MAIN / BROAD LEARNING OUTCOMES<br>LIVELL 5 - KISBIET EWLENIN MIT-TAGĦLIM TAS-SUĠĠETT | Referenza għas-Sillabu |
|---|---|---|
| | **ĊIVIKA:** | |
| 1 | Kapaċi nagħraf u niddeskrivi verbalment il-benefiċċji ta' meta naħdem/naħdmu fi gruppi. | |
| 2A JEW 2B | Kapaċi nsemmi l-vantaġġi u l-iżvantaġġi li fl-iskola u fil-pajjiż ikun hemm regoli u liġijiet, u nispjega x'jiġrilu min jikser dawn ir-regoli / liġijiet. | Ċ3.2.4 |
| | Kapaċi nidentifika x-xewqat u l-bżonnijiet bażiċi li għandna aħna bħala studenti. | Ċ3.3.1 |
| | **ĠEOGRAFIJA:** | |
| 3 | Kapaċi nidentifika xi wħud mil-karatteristiċi ewlenin tal-kampanja Maltija. | Ġ3.1.2 |
| 4A JEW 4B | Kapaċi nidentifika raġunijiet varji għaliex iseħħu l-inċidenti fid-djar. | Ġ3.2.2 |
| | Kapaċi nissuġġerixxi modi kif nistgħu nħarsu dak li hu sabiħ / tajjeb, u ntejbu dak li hu ikrah / ħażin fil-lokalita' tiegħi. | Ġ3.3.2 |
| | **STORJA:** | |
| 5 | Kapaċi nsemmi eżempji ta' bidla u kontinwità fit-trasport fuq il-baħar użat mill-Maltin fil-passat u fil-preżent. | S3.1.4 |
| 6A JEW 6B | Kapaċi niskopri u niddeskrivi l-lbies li kienu jilbsu l-Maltin fil-passat. | S3.2.2 |
| | Kapaċi niddiskuti biex inqabbel il-ħwienet ta' dari mal-ħwienet tal-lum. | S3.3.3 |